Rotta 2

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2014**

## IR-RABA' SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (Ġenerali) L-Iskema tal-Marki

### Taqsima A

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. qbil | 2. kultura | 3. identità | 4. passatemp | 5. rwol |
| 6. stratifikazzjoni | 7. kunsill lokali | 8. sekondarja | 9. formali | 10. kulleġġi |
| 11. dmirijiet | 12. primarju | 13. reliġjonijiet | 14. totalitarja | 15. *interactive* |

(**15-il marka**)

### Taqsima B

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. c | 2. c | 3. a | 4. b | 5. c |
| 6. b | 7. b | 8. c | 9. b | 10. a |

(**10 marki**)

**Taqsima C -** *Dawn huma biss gwida u tweġibiet oħra validi għandhom jiġu aċċettati.*

| Mistoqsija | Marka | Tweġiba |
|---|---|---|
| 1. | 1,1 (2) | **Falz**. Familja nukleari hi familja bil-ġenituri u tfal biss, u mhux bin-nanniet. |
| 2. | 1,1 (2) | **Falz.** Hi meta persuna tista' timxi minn klassi soċjali għall-oħra fis-soċjetà. |
| 3. | 1,1 (2) | **Veru.** Kunflitt soċjali hu nuqqas ta' qbil bejn gruppi fis-soċjetà. |
| 4. | 1,1 (2) | **Veru.** Mhux kulħadd jagħmel parti mill-kultura dominanti. |
| 5. | 1,1 (2) | **Veru.** Dawn huma drittijiet bażiċi. |
| **TOTAL** | **10** | |

**Taqsima D –** *Dawn huma biss gwida u tweġibiet oħra validi għandhom jiġu aċċettati.*

| Mistoqsija | Marka | Tweġiba |
|---|---|---|
| 1. | 1 | Bżonn ta' bidla; Problemi ta' kuljum; Nuqqasijiet fis-soċjetà Maltija. |
| 2. | 1,1,1,1 (4) | • Ħlas ta' permessi<br>• Iż-żamma tas-sinjali tat-toroq<br>• It-tisbiħ tal-lokalità<br>• Jilqa' l-ilmenti tal-pubbliku u jagħmel xi ħaġa dwarhom.<br>• Jipprovdi korsijiet ta' taħriġ<br>*L-istudenti għandhom isemmu erba' eżempji.* |
| 3. | 2,2 (4) | • Il-klassijiet u l-iskejjel ikunu aktar aċċessibbli<br>• LSAs biex jgħinu lill-istudenti jintegraw<br>• Programmi ta' taħriġ għall-għalliema biex ikunu jistgħu jgħinu aktar lil dawn l-istudenti b'mod professjonali<br>*L-istudenti għandhom isemmu żewġ eżempji.* |

| | | |
|---|---|---|
| 4. | 2,2 (4) | • In-nuqqas ta' aċċessibbiltà<br>• Jinkwetaw x'se jiġri minn uliedhom wara li jmutu huma<br>• Għejja fiżika u mentali<br>• Spejjeż u nuqqas ta' ħin liberu<br>*L-istudenti għandhom isemmu żewġ eżempji.* |
| 5. | 1,1,1,1 (4) | Is-soċjalizzazzjoni primarja tingħata mill-familja.<br>*L-istudenti għandhom isemmu tliet eżempji, fosthom:*<br>• tgħin lil ħaddieħor<br>• taħfer<br>• mhux dejjem tgħaddi tiegħek<br>• tiekol b'mod edukat<br>• iżżomm ruħek nadif |
| 6. | 2,2 (4) | • il-Junior College<br>• l-MCAST<br>• il-Higher Secondary<br>• l-ITS<br>*L-istudenti għandhom isemmu żewġ eżempji.* |
| 7. | 1,1,1,1 (4) | • **Eżempji ta' rispett**: l-għajnuna minn sħabu; l-imħabba mill-ġenituri.<br>• **Nuqqas ta' rispett**: dawk li suppost jaraw li l-bankini jkunu aċċessibbli u mhux qed jagħmlu xogħolhom; dawk li jipparkjaw ħażin; dawk li jagħmlu xi ornament fin-nofs tal-bankina.<br>*L-istudenti għandhom isemmu żewġ eżempji ta' rispett u żewġ eżempji ta' nuqqas ta' rispett.* |
| **TOTAL** | **25** | |

**Taqsima E -** *Dawn huma biss gwida u tweġibiet oħra validi għandhom jiġu aċċettati.*

| Mistoqsija | Marka | Tweġiba |
|---|---|---|
| 1. | 5 | *Problemi li jġib miegħu l-qgħad:*<br>• ma jkollux flus għall-bżonnijiet bażiċi<br>• biża' li persuna taqa' lura fil-ħlasijiet<br>• iħossu ma jiswa għal xejn<br>• iħossu mingħajr skop f'ħajtu<br>• jista' jaqa' fil-kriminalità u l-użura |
| 2. | 5 | F'**sistema demokratika** persuna tista' tivvota lil min trid, għandha l-libertà tal-espressjoni, li tingħaqad fi gruppi u li jkollha l-opinjoni tagħha. F'**sistema totalitarja** persuna ma jkollhiex vot liberu, ma tkunx tista' tingħaqad fi gruppi li tixtieq hi u mhux kull opinjoni tkun aċċettata. |
| 3. | 5 | • Reliġjon hi sistema ta' twemmin fis-sopranaturali u tagħti tweġiba lejn mistoqsijiet eżistenzjali<br>• Tagħti skop għall-ħajja<br>• Iżżomm kontroll soċjali<br>• Tagħti sens ta' tama għall-ħajja wara l-mewt<br>• Tagħti regoli ta' mġiba |

| | | |
|---|---|---|
| 4. | 1,1,1,1,1 (5) | • familja nukleari<br>• familja estiża<br>• familja estiża modifikata<br>• familja tal-istess sess<br>• familja simmetrika<br>• familja b'ġenitur wieħed<br>• familja b'ġenituri li reġgħu żżewġu<br>*L-istudenti għandhom isemmu ħames eżempji.* |
| **TOTAL** | **20** | |

**Taqsima F -** *Dawn huma biss gwida u tweġibiet oħra validi għandhom jiġu aċċettati.*

Fil-komponiment, l-istudenti għandhom juru li jafu s-suġġett, jagħtu definizzjonijiet ċari u joħorġu b'ideat tajba. Għandhom juru li fehmu tajjeb it-tema. L-20 marka jinqasmu kif ġej:

17 – 20 – Tajjeb ħafna
13 – 16 – Tajjeb
10 – 12 – Mhux ħażin
0 – 10 – Mhux tajjeb

| Mistoqsija | Marka | Tweġiba |
|---|---|---|
| 1. | 20 | • Importanti li tingħata t-tifsira ta' proċess ta' soċjalizzazzjoni: tagħlim ta' kif għandna nġibu ruħna mal-ewwel persuni li ngħixu magħhom (primarja) għal tagħlim ieħor li nieħdu mill-midja, il-ħbieb u l-edukazzjoni (sekondarja).<br>• Hu proċess li jkompli tul il-ħajja kollha: nitgħallmu l-ħin kollu<br>• Nitgħallmu nitkellmu, naħsbu, u r-regoli<br>• Nitgħallmu nġibu ruħna man-nies<br>• Nitgħallmu l-valuri u n-normi tas-soċjetà<br>• Kull meta niltaqgħu man-nies nitgħallmu affarijiet ġodda |
| 2. | 20 | • Il-kultura tfisser l-istil ta' ħajja ta' poplu<br>• Jinbidlu n-nies, għalhekk jinbidlu l-ideat<br>• Permezz ta' influwenzi barranin l-ideat inbidlu aktar dawn l-aħħar snin<br>• Influwenzi mill-midja, l-internet, is-safar, it-turiżmu u xogħol jew studju barra minn Malta<br>• Aktar libertà<br>• Aktar sekularizzazzjoni<br>• Avvanzi fix-xjenza u t-teknoloġija |
| 3. | 20 | • Fil-Kindergarten (mhux obbligatorja) it-tfal jitgħallmu jpinġu, ir-regoli, jikkomunikaw mal-għalliema u l-ħbieb.<br>• L-edukazzjoni primarja hija obbligatorja: mill-Year 1 sal-Year 6 u wara jagħmlu l-eżami tal-*Benchmark*.<br>• L-edukazzjoni sekondarja hija obbligatorja: mill-Year 7 sal-Year 11 (Form 1 sa Form 5), fejn l-istudenti jitgħallmu suġġetti li jwasslu għall-eżamijiet tal-MATSEC.<br>• L-edukazzjoni postsekondarja (mhix obbligatorja): din twasslek għall-Università permezz tal-Juniour College jew il-Higher Secondary, jew għall-ITS jew l-MCAST li huma aktar orjentati lejn l-edukazzjoni vokazzjonali.<br>• L-edukazzjoni terzjarja: din mhix obbligatorja u normalment twasslek għal diploma jew *degree*. |

| | | |
|---|---|---|
| 4. | 20 | Importanti li jitqabblu żewġ xogħlijiet minn żewġ setturi differenti:<br>• is-settur primarju (ix-xogħol tal-biedja, tal-minjieri, tas-sajd u tal-barrieri)<br>• is-settur sekondarju (it-tarznar, il-fabbriki u l-manifattura)<br>• is-settur terzjarju (servizzi)<br>• ir-raba' settur (tar-riċerka)<br>• kull xogħol fih jew tbatija fiżika jew tbatija mentali/stress<br>• il-paga hi differenti<br>• l-istatus fis-soċjetà jvarja |
| **TOTAL** | **20** | |

**Total tal-karta: 100 marka**

| | |
|---|---|
| **<u>Social Studies – General – Maltese Version</u>** | Rotta 2<br>L-Iskema tal-Marki<br>Paġna 3 Taqsima F Nru 3 Ir-raba' ●<br>**Juniour** trid tinqara **Junior** |